MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 830/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni**

**Nru 830/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Saviour Micallef**

**I.D. Nru. 593962(M)**

***kontra***

**S.M. (Cables) Limited C19872 u Emmanuel Micallef I.D. Nru. 835553(M) proprio u ghan-nom u in rappresentanza ta` S.M. (Cables) Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Jissoktaw bil-bejgh u/jew milli jissupplixxu taht kwalunkwe titolu xi materjal jew electrical cables lil Master Enterprise Company Limited (C35359) u/jew lil Emanuel Micallef proprio.*

Ir-raguni kienet indikata hekk mir-rikorrent :-

*stante li s-socjeta` intimata S.M. (Cables) Limited fil-mument hija sprovvista minn zewg diretturi kif mehtieg mill-istatut ta` l-istess kumpannija u dana konsegwenza ta` mandat ta` inibizzjoni li jgib numru 806/14 mahrug fuq talba ta` Emmanuel Micallef kontra l-Malta Financial Services Authority sabiex din ta` l-ahhar tigi inibita milli tirregistra direttur gdid li giet appuntata mill-membru li ghandu hamsin fil-mija tal-ishma fis-socjeta` S.M. (Cables) Limited u denominati klassi "B" minghajr raguni valida fil-ligi.*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Gunju 2014 li bih laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom zmien ghaxart (10) ijiem biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-16 ta` Gunju 2014 fis-2.00 p.m.

Rat illi l-intimati kienu notifikati fit-3 ta` Gunju 2014.

Rat ir-risposta li l-intimati ressqu fl-4 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

Semghet ix-xiehda ta` Cheryl Gauci Micallef u ta` Pio Tabone fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2014, u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art 873(1) tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art 873(2) tal-Kap 12** –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri **zewg hwejjeg** biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat :-

**L-ewwel haga** li jrid juri hi li l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi.

**It-tieni haga** hija li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, [*prima facie*] dawk il-jeddijiet.

Dwar ir-rekwizit li "r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **"Grech pro et noe vs Manfre"** qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Minn kliem il-ligi stess, huwa evidenti li **z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m`huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

Il-Qorti tkompli tinsisti illi bil-fatt li tintlaqa` talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni, ma jfissirx illi l-jedd huwa ppruvat. Bhal ma lanqas ifisser li ghax ma tintlaqax talba ghall-hrug tal-Mandat, allura l-jedd pretiz ma jezistix

**Ikkunsidrat** :

Fil-procediment tal-lum, kull parti ghazlet li tressaq xhieda u dokumenti *per portare acqua al propio mulino.* Il-Qorti qieset il-provi li kienu prodotti u tistqarr illi ma jqarrbux daqstant lejn ir-raguni ghat-talba ghall-hrug tal-Mandat u ghad-difiza kontra dak il-hrug. Il-provi li saru fil-procediment tal-lum jistghu jkunu rilevanti meta l-Qorti li sejra tiddeciedi l-mertu taghmel dan. Il-Qorti hija marbuta strettament bil-binarji tat-talba u bid-difiza kontra dik it-talba.

Din il-Qorti ssostni, ghall-kjarezza u skans ta` ekwivoci, li fil-procedura tal-lum mhuwiex il-kompitu taghha li tistabilixxi drittijiet ta` natura petitorja. Ir-rwol ta` din il-Qorti specifikament ghall-fini tal-procedura tal-lum huwa, mill-kliem tal-ligi stess, ristrett u limitat, u cioe` mhux li tidhol fil-mertu, kif ghazlu li jaghmlu l-partijiet, cioe` dahlu fil-mertu, izda li tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx sodisfatti r–rekwiziti ta` l-Art.873 tal-Kap.12.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi d-disputa ta` bejniethom bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan qed jinghad sabiex il-kontendenti japprezzaw li l-kompitu ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Ghar-rigward tar-rekwizit tal-*jedd prima facie* il-Qorti tghid illi fuq li kkostatat fil-procediment tal-lum ma ssibx li r-rikorrent (azzjonista tal-kumpannija intimata) ghandu *mad-daqqa t`ghajn* il-jedd li jzomm lil S.M. (Cables) Limited milli tissupplixxi b`materjal lill-klijenti taghha fosthom Master Enterprise Company Limited.

Skond id-dokumenti esebiti, qed jirrizulta li ghalkemm Master Enterprise Company Limited hija debitrici ta` S.M. (Cables) Limited il-kont kurrent bejn iz-zewg kumpanniji huwa accettabbli fin-negozju. Il-fatt illi S.M. (Cables) Limited hija sprovvista mit-tieni direttur, minhabba l-effetti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 806/2014, ma jfissirx li ghal dik ir-raguni biss, il-kumpannija ghandha twaqqaf in-negozju taghha bir-riskju li tarmi `l barra l-*goodwill* taghha.

Bla ma tidhol fil-mertu tal-Mandat Nru. 806/2014, din il-Qorti tasal biex tghid illi l-assenza ta` direttur iehor fi S.M. (Cables) Limited titfa` piz qawwi ta`

responsabilita` fuq l-intimat Emmanuel Micallef ghaliex fil-konduzzjoni ta` wahdu tan-negozju tal-kumpannija S.M. (Cables) Limited jrid juri trasparenza u kontabilita` massima jekk irid jevita tassew li jkun espost ghal responsabilita` personali.

Din il-Qorti tibqa` sorpriza ghall-mod kif ir-rikorrent fassal it-talba fis-sens illi jrid jolqot in-negozju ta` bejn Master Enterprise Company Limited u S.M. (Cables) Limited, izda mhux in-negozju ta` din tal-ahhar ma` klijenti ohra taghha. Jekk l-assenza ta` direttur, skond ir-rikorrent, ghandha effett negattiv fil-konfront tal-interessi tieghu, bhala azzjonista, ghaliex ir-rikorrent ma talabx il-waqfien tal-fornitura ta` materjal anke lill-klijenti l-ohra tal-kumpannija intimata ? Ghal din il-Qorti dan il-kwesit ikompli jsahhah il-fehma tal-Qorti dwar il-karenza tal-ewwel rekwizit.

Ladarba ma hemmx jedd *mad-daqqa t`ghajn* il-Qorti m`ghandhiex ghalfejn tghaddi ghall-analizi tar-rekwizit l-iehor tal-*pregudizzju rrimedjabbli.*

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi mill-assjem tal-provi u cirkostanzi tal-kaz, ma ssibx illi r-rikorrent ghamel il-prova ta` dan ir-rekwizit.

Jekk b`xi mod ir-rikorrent ihossu aggravat b`li qed jigri fil-kumpannija ntimata ghandu rimedji **ordinarji** ta` natura civili x`jista` jirrikorri ghalihom. Dawn ir-rimedji jibqghu **ntatti** anke jekk il-Qorti ma tilqax it-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat.

Dak tal-lum mhuwiex kaz fejn il-"*pregudizzju*" li r-rikorrent qieghed jilmenta minnu ma jistax jissewwa mod iehor. Jekk l-ilment tar-rikorrent jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-

tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat (ara l-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**")

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi hekk :-**

**1) Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-3 ta` Gunju 2014 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrent.**

**2) Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.**

**3) Tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------